# KUNSILL LOKALI, ĦAL LUQA

# RAPPORT AMMINISTRATTIV

## 2014

## Inkluż

## Baġitt 2015

## *Kunsill*

| **Pożizzjoni** | **Parteċipazzjoni f' laqgħat** |
|---|---|
| John Schembri (Sindku) | 90% |
| Joseph Scicluna (Viċi Sindku) | 100% |
| Victor Caruana (Kunsillier) | 100% |
| Christian Falzon (Kunsillier) | 72% |
| Joseph Camilleri (Kunsillier) | 81% |
| Lucia Massa (Kunsilliera) | 72% |
| Christina Sammut (Kunsilliera) | 81% |

**Segretarju Eżekuttiv**

Michael Portelli

**Assistent Prinċipal**

Angie Refalo

**Uffiċċjal Eżekuttiv**

Ingrid Borg

**Assistent Ġenerali**

Malcolm Muscat

# 2.0 *Ħidma tal-Kunsill*

## Organiżazzjoni u Responsabiltajiet

L-organiżazzjoni li kien hemm topera matul is-sena 2014 biex tiffaċilita l-operazzjonijiet u x-xogħol tal-ġurnata.



## 3.0 *Ħidma tal-Kunsill*

*Infakkar li l-laqgħa tal-lejla qiegħda ssir skont kif jipprovdi l-Att XV tal-1993 art 70 li jobbliga lill-Kunsill Lokali biex isejjaħ laqgħa annwali għall-pubbliku. L-għan tal-laqgħa huwa primarjament biex il-pubbliku jingħata rendikont tal-ħidma li tkun saret mill-Kunsill matul is-sena u biex l-istess pubbliku jingħata l-possibilta iressaq ilmenti u proposti għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.*

Is-sena 2014 li kienet l-aħħar sena kompluta għall Kunsill Lokali reġgħet kienet sena impennjattiva ħafna, fejn il-proġetti mibdija fis-snin ta' qabel matul din il-leġiżlatura. L-aktar żewġ proġetti li ngħataw spinta kienu fosthom dak tal-Family Park u dak tal-uffiċċju amministrattiv il-ġdid li minn hawn u ftit tal-jiem oħra se jkun miftuħ għalikom ir-residenti.

**Amministrazzjoni**

Nixtieq nibda billi bi pjaċir ngħidilkom li wasalna fuq l-għatba biex ninawguraw l-Uffiċċju Amministrattiv il-ġdid li jinsab fuq id-Daycentre. Dan kien mwiegħed fil-manifest elettorali u kien jinvolvi diversi fażijiet differenti fosthom il-bini innifsu fejn tellajna sular ġdid, estendejna ieħor u anki saru alterazzjonijiet differenti biex il-bini jkun jista jakkomoda skop t' uffiċċju. Kien hemm ukoll l-installazjoni tal-lift, sistemi tad-dawl u l-ilma u-oħra tan-networking, sistemi tad-drain ġodda, partitions, kisi u żebgħa fost ħafna xogħolijiet oħra. Daqs xahar u nofs ieħor ir-residenti issa se jkollhom post aktar aċċessibli fejn jistgħu javviċinaw il-Kunsill. Fuq dawn l-affarijiet kollha imsemmija hawn fuq il-Kunsill is-sena l-oħra nefaq mas-€ 26,900 u għadhom jintefqu l-flus s' issa minbarra l-bini, imma dan kollu sar mingħajr ma saret l-iċken nitfa dejn.

Min sena għall oħra l-Kunsill Lokali baqa jevalwa t-tenders li għandu li jikkonsistu f' dak tal-knies, tal-ġbir tal-iskart, bulky refuse u dak tal-lattrina, sena wara l-oħra. Matul Settembru tas-sena l-oħra kien hemm qbil minn fost il-membri tal-Kunsill biex jerġa jkun hemm sejħiet ġodda għal dawn is-servizzi. Qabel ma ħarġu dawn is-sejħiet il-Kunsill Lokali ħa passi rigward il-kuntrattur li jiġbor l-iskart billi dan kien qed ikun hemm

diversi ilmneti fuqu u kien kostrett li jittermina l-kuntratt li kellu mal-Kunsill. Is-servizzi b' kuntratt lill-Kunsill jiswewh mal-€ 111,300 b' kollox.

Il-Kunsill Lokali ukoll baqa jxandar il-laqgħat tal-Kunsill minn fuq il-live streaming biex dawn ikunu jistgħu jiġu segwiti minn kulħadd.

Taħt dan is-suġġett wieħed ta' minn isemmi numru ta' laqgħat li jsiru fir-Reġjun Nofsinhar u dawk li jsiru bħala membri tal-GAL Xlokk. Waqt dawn il-laqgħat li jkunu rrapreżentati mis-Sindku għal Ħal Luqa jkunu diskussi numru ta' inizjattivi u proġetti li għalihom japplika l-Kunsill.

Saru wkoll numru ta laqgħat oħra ma Ministeri u entitajiet oħra fejn jiġu mressqa l-ilmenti tar-residenti u ssir pressjoni biex ikun hemm soluzzjoni fuq dawn l-ilmenti. Saret laqgħa mal-kabinett tal-Ministri li kienet inizjattiva tar-Reġjun tan-Nofsinhar li matulha ġew imressqin ilmenti li saru mir-residenti fuq it-trasport pubbliku, toroq bla dawl u oħrajn li għandhom bżonn resurfacing. Dawn l-ilmenti imressqa se tibqa ssir pressjoni fuqhom biex intom ir-residenti tkunu ttratti kif jixraq.

## Infrastruttura, Trasport u Dwal

Fuq pressjoni li kien ilu jagħmel il-Kunsill Lokali fuq diversi toroq li kienu imwiegħda mill-Gvern Ċentrali saret parti minn Triq Wied il-Knejjes li kienet ġdida u kien hemm komunita ta residenti jgħixu hemm. Minn flusu l-Kunsill imbagħad għamel tajjeb biex ikun sistema ta street lighting fl-istess triq. Kif saret din it-triq il-Kunsill kien f' pożizzjoni li jista jagħti r-resurfacing ta Triq Anton Falzon fejn aktar qabel kienet saret sistema tal-water culverts.

Barra it-toroq li ngħataw it-tarmac il-Kunsill Lokali ħa ħsieb biex bosta bankini fosthom li jinsabu fi Triq San Pawl, Triq Sir Ugo Mifsud, Triq Santa Marija, Triq id-Dokkiena u bosta oħrajn jitkissru u jerġgħu jinbnew mill-ġdid billi dawn kienu ta periklu speċjalment għal anzjani. Dawn ix-xogħolijiet li ġew subcontracted mill-kuntrattur li jagħmel ix-xogħolijiet tal-bankini s' issa diġa swew madwar €7,000 aparti l-materjal li nħadem fuq fatturi biex il-Kunsill Lokali jġib l-aħjar prezz.

Bil-għajnuna ta fondi tal-Unjoni Ewropeja l-Kunsill Lokali ħaseb biex jagħmel dawl tat-toroq ġodda fi Triq Patri Indri Schembri b' dawl energy

efficient. Dan il-proġett ta street lighting ġdid li kien jikkonsisti f' ħames lanterni sewa mat-€8,400. Il-pjanijiet tal-Kunsill huma li għal din is-sena jkomplu jsiru toroq li għadhom qatt ma ngħataw tarmac għal dawn l-aħħar erbgħin sena fosthom Triq Ħal Saflieni u Triq ir-Rixtellu.

Minn naħa l-oħra se tibqa ssir pressjoni mal-Awtoritajiet Ċentrali biex dawk it-toroq li kienu imwiegħda jsiru fost dawn it-toroq li hemm imwiegħda hemm Triq il-Mitjar, Triq Ġużeppi Ellul u Triq Sebastiano Saliba. Il-Kunsill Lokali ukoll qed jagħmel pressjoni biex isiru d-dwal fi Triq Valletta, kif ukoll resurfacing u anki dawl fi Triq Ħal Farruġ.

Kulħadd huwa infurmat li l-operatur il-ġdid fuq it-trasport pubbliku beda l-ħidma tiegħu u huwa mistenni li dawk ir-riformi mħabbra u mitluba mir-residenti jitwettqu. Minn naħa tas-Sindku saru kemm il-darba appelli m' uffiċċjali fi ħdan il-qasam biex ir-rotta ta' Ħal Luqa terġa lura għal dik li kienet qabel mat-trasport pubbliku kien għadda lil Arriva. Dwar il-bus shelters kien sar site meeting ma persuna minn naħa tat-Transport Malta li tmur lura għas sena 2013 u minn dakinhar baqgħet issir pressjoni biex dawn isiru fejn hemm possibiltajiet li dawn isiru fi ftit ta żmien ieħor.

**Proġetti oħra**

Il-fondi tal-Kunsill Lokali ma jservux biżejjed biex isiru proġetti ta' ċertu kalibru. Bħala membru sħiħ fi ħdan il-GAL Xlokk fejn bis-saħħa ta din is-sħubija jkun possibli biex napplikkaw għal proġetti kbar li fost dawn il-proġetti kien hemm dak tal-Family Park ta' Ħal Farruġ. Fis-sena 2014 kien hemm tlett applikazzjonijiet differenti fuq oqsma differenti. Waħda mill-applikazzjonijiet kienet tirrigwarda proġett biex jingħata konkos fi sqaqien rurali li minhom saru Sqaq ix-Xatba u Sqaq fi Triq Ħal Farruġ.

Wieħed minn dawn il-proġetti diġa kien imsemmi hawn fuq li kien jikkonsisti fid-dawl u l-emebellishment fi Triq Patri Indri Schembri u Triq Ħal Saflieni. Minn hawn u ftit tal-jiem oħra se jkun qed isir l-embellishment fi triq Ħal Saflieni.

Fuq l-għad edukattiv ukoll kien hemm proġett ieħor li sar mat-tfal tal-iskola primarja fejn dawn żaru tlett postijiet differenti li kienu Xrobb l-

Għaġin, Għammieri u għalqa biż-żebbuġ ġewwa Ħal Għaxaq. Matul dan il-proġett it-tfal ġew aktar viċin tal-ambjent naturali u agrarju fejn tgħallmu japprezzaw aktar l-importanza ta' dan il-qasam. Dan il-proġett sewa mal-€2,300.

Kien hemm applikazzjoni oħra biex fiha żewġ sqaqien rurali jingħataw il-konkos mill-ġdid billi dawn kien hemm numru ta bdiewa li jagħmlu użu minn dan l-isqaq. Hawnhekk saru Sqaq tax-Xatba u Sqaq fi Triq Ħal Farrug. Permezz ta inizjattiva bħal din il-Kunsill seta jagħmel sqaqien li kieku mill-fondi li jingħata biss dawn ma kinux ikunu possibli, għax dawn swew mal-€25,000.

Il-Kunsill Lokali applika taħt skema biex isiru proġetti ta restawr ta postijiet storiċi. F' din l-iskema ġew inklużi żewġ proġetti ta restawr li huma dak tar-restawr tal-istatwa ta' Sant' Andrija u dak taċ-Ċimiterju ta San' Tumas. Minn dawn il-proġetti il-Bord tal-għażla tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali għażel dak taċ-Ċimiterju ta San Tumas biex ikun iffinanzjat. Dan ix-xogħol tar-restawr sar minn restawratur professjonali u sewa madwar €6,500.

Fuq il-qasam soċjali din is-sena ukoll se tkun imneddija it-tieni parti tal-iskema ta' embellishment fejn hemm il-binjiet tal-Gvern li jinsabu ġewwa Ħal Luqa u Ħal Farruġ. Din id-darba l-Awtorita tad-Djar li kienet avviċinata mill-Kunsill semgħet lill dawk ir-residenti li joqgħodu fil-binjiet biex tara l-bżonnijiet tal-komun biex dak ix-xogħol li hemm bżonn isir minn naħa tal-Awtorita.

Kontinwament il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb biex dawn l-applikazzjonijiet li jkunu minn żmien għal żmien ikunu evalwati il-ħin kollu biex il-Kunsill Lokali li fejn hemm possibilitajiet li tibbenefika l-lokalita dawn ma jintilfux.

## Kultura u Edukazzjoni

Il-kultura u l-edukazzjoni kienu minn dejjem żewġ suġġetti li l-Kunsill Lokali tahom prijorita. Xhieda ta dawn huma n-numru ta korsijiet li jsiru kif ukoll l-attivitajiet li jsiru mill-Kunsill Lokali. Issa drajna naraw sena wara l-oħra l-attivitajiet li għal Jum Ħal Luqa it-tema tinbidel daqqa dik tal-agrikultura jew dik marbuta mat-Tieni Gwerra. Is-sena l-oħra il-Kunsill tella attivita marbuta mat-Tieni Gwerra li kienet tal-ogħla kwalita. F' din l-

attivita anki ħadu sehem tfal mill-iskola primarja u oħrajn li setgħu jesebixxu t-talenti tagħhom.

Bħal kif se jsir din is-sena bil-courses tal-computer, is-sena l-oħra reġgħu saru dawn il-courses fejn ġew organizzati għall adulti kif ukoll għat tfal. Kull darba li jkunu organizzati dawn il-courses il-Kunsill Lokali jħallas €1,100 biex dawn ikunu issusidjati.

Il-Librerija tal-lokalita hija xi ħaġa li l-Kunsill Lokali jzomm għall qalbu ħafna u kull sena jinvesti billi jixtri l-kotba li hemm bzonn għall librerija. Matul is-sena l-oħra saru diskussjonijiet m' uffiċċjali minn naħa tad-Dipartiment tal-Libreriji biex jinstabu mezzi kif din tista tiġi estiza. Fost dawn il-mizuri ssemmew il-possibilta li jkun hemm xkaffar li fl-istess ħin jikkreja spazju aktar minn dak li hemm ezistenti.

## Relazzjonijiet

Bix il-lokalita tagħna dejjem ikollha possibiltajiet li taħdem ma lokalitajiet oħra u tibbenefika fl-istess ħin il-Kunsill iħares lejn dawk il-lokalitajiet li għandhom xi ħaġa simili ma' Ħal Luqa. Diġa saru diskussjonijiet ma rappreżentanti mill-lokalita ta Mildenhall fl-Ingilterra fejn huwa mistenni li jkomplu jizvolgu f' ġemellaġ bejn iz-zewġ lokalitajiet billi dawn it-tnejn kellhom il-prezenza tal-RAF.

F' Novembru delegazzjoni mill-Kunsill flimkien ma residenti mill-lokalita tlajna għall festa tal-Fontana li ssir dakinhar tal-festa liturġika ta' Sant' Andrija f' Novembru. Miz-żewġ naħat ġew ipprezentati tifkiriet f' din l-okkazzjoni. Huwa mistenni li din is-sena rappreżentanti mill-Kunsill tal-Fontana jattendu waqt il-festa ta' Sant' Andrija fil-lokalita tagħna biex inkunu nistgħu nkomplu nibnu r-relazzjonijiet bejn iz-zewġ lokalitajiet.

Ma nistgħux ma nsemmux l-għaqdiet lokali speċjalment iz-zewġ soċjetajiet muzikali li matul is-sena l-oħra kisbu suċċessi u unuri fil-qasam tal-piroteknika u dak kulturali marbut mal-Milied. Minn hawnhekk nistgħu ngħidu li kull darba li ressaqna proposti bħala Kunsill biex naħdmu flimkien mal-għaqdiet dan dejjem sarraf f' suċċess u kulħadd kien sodisfatt.

Semmejna numru ta' ċifri li jammontaw għal eluf kbar ta' flus imma b' paragun ma Kunsilli oħra dan il-Kunsill jirnexillu jagħmel proġetti kbar u żgħar mingħajr ma jagħmel dejn. Huwa impossibli li fi ftit tal-ħin idaħħal il-ħidma kollha li għamel il-Kunsill għax kieku anki l-ilmenti li ġew rappurtati u ssolvew fi ftit tal-ħin iridu jitniżżlu għax din hija parti mill-ħidma tal-Kunsill. Hija x-xewqa tagħna li dejjem inkunu aktar qribkom u nkunu ta servizz fejn huwa possibli.

F' ismi u f' isem sħabi l-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill nixtieq nawgura l-Għid it-tajjeb lilkom u l-familji kollha tagħkom. Nirringrazzja wkoll lilkom ilkoll preżenti llejla waqt din il-laqgħa għall interess li turu biex issiru tafu aktar fuq il-ħidma tal-Kunsill.

# *ESTIMI TAD-DĦUL U L-INFIQ, SENA 2015*

## Estimi dettaljati ta' Dħul

| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>STIMA<br>2014<br>(€) | b<br>ATTWALI<br>2014<br>(€) | c<br>STIMA<br>2015<br>(€) | c-a<br>VAR<br>STI - STI<br>(€) | c-b<br>VAR<br>STI - ATT<br>(€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Dhul** | | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | | |
| 0001 | Annwali | 356,196.00 | 352,836.00 | 368,386.00 | 12,190.00 | 15,550.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Speċjali | | | | | |
| 0004 | Delegazzjoni Publika/Governattiva | | | | | |
| 0015 | Ohrajn | 2,500.00 | 24,210.23 | 7,000.00 | 4,500.00 | (17,210.23) |
| | | **368,744.00** | **372,528.00** | **375,386.00** | **16,690.00** | **(1,660.23)** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | | | | |
| 0036 | Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 11,000.00 | 7,202.40 | 11,000.00 | | 3,797.60 |
| 0056 | Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| 0066 | Generali | 8,043.00 | | | (8,043.00) | |
| | | **10,000.00** | **20,824.00** | **11,000.00** | **(8,043.00)** | **3,797.60** |
| 0090 | Investiment | | | | | |
| 0091 | Interess Bankarju | 2,200.00 | 203.99 | 220.00 | (1,980.00) | 16.01 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **2,200.00** | **203.99** | **220.00** | **(1,980.00)** | **16.01** |
| | **TOTAL** | **380,944.00** | **393,555.99** | **386,606.00** | **6,667.00** | **2,153.38** |

# Estimi dettaljati ta' Nfiq

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | a<br>STIMA<br>2014<br>(€) | b<br>ATTWALI<br>2014<br>(€) | c<br>STIMA<br>2015<br>(€) | a-c<br>VAR<br>STI - STI<br>(€) | b-c<br>VAR<br>STI - ATT<br>(€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Infiq** | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 9,509.76 | 10,563.65 | 10,572.51 | (1,062.75) | 1,053.89 |
| 1150 | Allowance lil Kunsilliera | 8,800.00 | 8,800.00 | 8800 | | |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 60,181.93 | 69,350.20 | 74,000.00 | (13,818.07) | 9,168.27 |
| 1300 | Bonus | 1,537.38 | 810.60 | 1537.38 | | (726.78) |
| 1400 | Dóul Supplimentari | 4,489.20 | 726.78 | 800 | 3,689.20 | (3,762.42) |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Socjali | 21,600.00 | 6,402.27 | 6600 | 15,000.00 | (15,197.73) |
| 1600 | 'Allowances' | | 894.60 | 900 | (900.00) | 894.60 |
| 1700 | 'Overtime' | 2,338.56 | 2,399.28 | 2,626 | (287.44) | 60.72 |
| | | **108,456.83** | **99,947.38** | **104,935.89** | **2,620.94** | **(8,509.45)** |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | | | | | |
| 2100 | Dawl, ilma, telefon,etc. | 9,000.00 | 5,830.49 | 8,000 | 1,000.00 | (3,169.51) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal (Materials & Sup.) | 5,000.00 | 3,933.38 | 5000 | | (1,066.62) |
| 2300 | Tiswijiet u manutensjoni | 15,000.00 | 49,868.06 | 7000 | 8,000.00 | 34,868.06 |
| 2400 | Kera | 1,819.00 | 1,819.03 | 1819 | | 0.03 |
| 2500 | Shubija f'Assocjazzjonijiet Int. | | 1,235.00 | | | 1,235.00 |
| 2600 | Spejjes ta' l-Ufficju | 3500 | 3,218.26 | 5500 | (2,000.00) | (281.74) |
| 2700 | Trasport | 800.00 | 2,099.72 | 2200 | (1,400.00) | 1,299.72 |
| 2800 | Vjaggar/safar | | | | | |
| 2900 | Informazzjoni ghal-Publiku | 3,000.00 | 2,385.91 | 3000 | | (614.09) |
| 3000 | Servizzi b' Kuntratt | 111,150.16 | 111,291.62 | 120000 | (8,849.84) | 141.46 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 18,000.00 | 20,782.18 | 11000 | 7,000.00 | 2,782.18 |
| 3200 | Training | | 1,870.20 | | | 1,870.20 |
| 3300 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 15,000.00 | 24,668.34 | 16000 | (1,000.00) | 9,668.34 |
| 3600 | Spejjez LES | 8,000.00 | 367.00 | 8500 | (500.00) | (7,633.00) |
| 3400 | Spejjes Incidentali | 2,000.00 | | | 2,000.00 | (2,000.00) |
| | | **192,269.16** | **229,369.19** | **188,019.00** | **4,250.16** | **37,100.03** |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | | | 75,000.00 | (75,000.00) | (75,000.00) |
| 7200 | Titjib | 30,000.00 | | 10000 | 20,000.00 | (30,000.00) |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 18,000.00 | | | 18,000.00 | (18,000.00) |
| 7500 | Proìetti Specjali | 20000.00 | - | | 20,000.00 | (20,000.00) |
| | | **68,000.00** | | **85,000.00** | **(17,000.00)** | **(143,000.00)** |
| - | **TOTAL** | **368,725.99** | **329,316.57** | **377,954.89** | **(10,128.90)** | **(114,409.42)** |

# Estimi Konsolidati ta' Dħul u Nfiq

| Nru tal-Kont | Deskrizzjoni | a<br>STIMA 2014 (€) | b<br>ATTWALI 2014 (€) | c<br>STIMA 2015 (€) | c-a/a-c<br>VAR STI - STI (€) | c-b/b-c<br>VAR STI - ATT (€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Dhul** | | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | 368,744.00 | 372,528.00 | 375,386.00 | 6,642.00 | 2,858.00 |
| 0020 | Bye-laws | 10,000.00 | 20,824.00 | 11,000.00 | 1,000.00 | (9,824.00) |
| 0090 | Investiment | 2,200.00 | 203.99 | 220.00 | (1,980.00) | 16.01 |
| | TOTAL | **380,944.00** | **393,555.99** | **386,606.00** | **5,662.00** | **(6,949.99)** |
| **1** | **Infiq** | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 108,456.83 | 99,947.38 | 104,935.89 | 3,520.94 | (4,988.51) |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | 192,269.16 | 229,369.19 | 188,019.00 | 4,250.16 | 41,350.19 |
| 7000 | Infieq Kapitali | 68,000.00 | | 85,000.00 | (17,000.00) | (85,000.00) |
| | TOTAL | **368,725.99** | **329,316.57** | **377,954.89** | **(9,228.90)** | **(48,638.32)** |
| | **Bilanc** | **12,218.01** | **64,239.42** | **8,651.11** | **(3,566.90)** | **(55,588.31)** |